

Brussell, 9 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

7139/26  
ADD 1

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2026/0071 (NLE)**

---

---

**TRANS 133**

## **PROPOSTA**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 122 annex
Suġġett:	ANNESS tad- DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja stabbilita skont l-Artikolu XII tal-Protokoll tal-Lussemburgu għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet speċifiċi għall-Vetturi Ferrovjarji

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 122 annex.

---

Mehmuż: COM(2026) 122 annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 9.3.2026  
COM(2026) 122 final

ANNEX

ANNEX

tad-

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja stabbilita skont l-Artikolu XII tal-Protokoll tal-Lussemburgu għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet speċifiċi għall-Vetturi Ferrovarji**

## Anness

### 1. Introduzzjoni

It-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet Speċifiċi għall-Vetturi Ferrovarji adottat fil-Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007 ("il-Protokoll tal-Lussemburgu") se ssir fl-14 ta' April 2026.

### 2. Kompetenza tal-Unjoni

L-Unjoni Ewropea hija parti kontraenti għall-Protokoll tal-Lussemburgu. L-Unjoni għandha kompetenza esklużiva fir-rigward tal-punti tal-aġenda ta' din il-laqgħa fejn l-Awtorità Superviżorja se tintalab tadotta l-atti li jkollhom effetti legali skont it-tifsira tal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) – jiġifieri l-Punti 9 u 10 tal-Aġenda.

### 3. Kummenti dwar il-punti tal-aġenda tat-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja Il-punt 9 tal-Aġenda. Ir-Regoli Mudell

Dokument(i)	LUX-26011-SA3-09-Model Rules.pdf
Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot	Unjoni Ewropea
Pożizzjoni	<p>Li tinbidel id-deċiżjoni li għandha tittieħed mill-Awtorità Superviżorja kif ġej: "<i>L-Awtorità Superviżorja:</i></p> <p>– <i>tinnota l-modifiki għar-Regoli Mudell dwar l-Identifikazzjoni Permanenti tal-Vetturi Ferrovarji (Reviżjoni 3) diskussi fit-tielet sessjoni tal-Kumitat tar-Reviżjoni għar-Regoli Mudell għall-Identifikazzjoni Permanenti tal-Vetturi Ferrovarji, li saret f'Settembru 2025;</i>"</p> <p>Jekk ir-Regoli Mudell ma jidħlux fis-seħħ qabel ma ssir it-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja:</p> <p>“– <i>tinnota li l-modifiki ta' dawk ir-Regoli Mudell għandhom jidħlu fis-seħħ biss fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tar-rapport tad-79 sessjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Ferrovarju (SC.2) tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE);</i></p> <p>– <i>tippożponi kwalunkwe azzjoni</i></p>

	<p><i>dwar l-approvazzjoni tar-Reviżjoni 3 ta' dawk ir-Regoli Mudell sakemm tali regoli jidħlu fis-seħħ.</i>"</p> <p>Jekk ir-Regoli Mudell jidħlu fis-seħħ qabel ma ssir it-tielet sessjoni tal-Awtorità Superviżorja u jikkorrispondu għall-verżjoni mhux uffiċjali ppubblikata fuq is-sit web tal-UNECE<sup>1</sup>:</p> <p><i>"– tapprova r-Regoli Mudell (Reviżjoni 3)"</i></p>
--	---

Il-punt 10 tal-Aġenda. Statuti u Regoli ta' Proċedura

Dokument(i)	LUX-26012-SA3-10-Statutes and Rules of Procedure (&ad).pdf
Eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot	Unjoni Ewropea
Pożizzjoni	<p>Favur l-approvazzjoni tal-emendi proposti tal-Istatuti.</p> <p>Favur l-approvazzjoni tal-emendi proposti tar-Regoli ta' Proċedura, soġġett għall-emendi li ġejjin:</p> <p>– fl-Artikolu 16(6), il-punt (c), <i>"ġimagħtejn"</i> huwa sostitwit b'<i>"10 ġimgħat"</i>;</p> <p>– fl-Artikolu 16(7), il-frażi <i>"jew fejn l-Awtorità Superviżorja tiddeċiedi hekk"</i> titneħħa mill-paragrafu introdutturju.</p>

<sup>1</sup> [https://unece.org/sites/default/files/2026-02/ECE-TRANS-SC.2-337-Rev.3EFR\\_Unofficial.pdf](https://unece.org/sites/default/files/2026-02/ECE-TRANS-SC.2-337-Rev.3EFR_Unofficial.pdf)